IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2025
COM(2025) 649 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Rotta prevedibbli u komuni Ewropea għall-futur tal-Ukreni fl-UE

MT MT

**Rotta Ewropea prevedibbli u komuni għall-futur tal-Ukreni fl-UE**

## 1. INTRODUZZJONI

Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea wriet appoġġ sod permezz tal-għajnuna politika, umanitarja, militari u diplomatika tagħha, kif ukoll billi kienet l-akbar donatur finanzjarju tal-Ukrajna[1]. B'mod parallel, l-UE imponiet sanzjonijiet massivi u bla preċedent fuq ir-Russja u dawk kompliċi fl-isforz tal-gwerra tar-Russja[2]. L-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom bagħtu messaġġ qawwi ta' solidarjetà lejn l-Ukrajna u l-poplu tagħha li qed jaħarbu mill-gwerra, billi offritilhom protezzjoni u appoġġ immedjati, inkluż l-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjieg. B'riżultat ta' dan, miljuni ta' persuni spostati mill-Ukrajna sabu sikurezza, kenn u opportunitajiet madwar l-UE.

L-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja[3] stabbiliet approċċ komuni tal-UE, li jagħti prevedibbiltà u ċertezza legali kemm lill-persuni spostati mill-Ukrajna kif ukoll lill-Istati Membri. Hija pprovdiet protezzjoni immedjata filwaqt li ppreveniet ukoll pressjoni addizzjonali fuq is-sistemi nazzjonali tal-ażil li diġà għandhom pressjoni żejda. Għalhekk, il-protezzjoni temporanja, attwalment fis-seħħ sa Marzu 2026, uriet li hija rispons effettiv u proporzjonat għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.

Peress li s-sitwazzjoni fl-Ukrajna għadha prekarja, il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli l-appoġġ sod tagħha lill-pajjiż u lill-poplu tiegħu. Ħafna persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja bnew rabtiet b'saħħithom mas-soċjetajiet ospitanti tagħhom fl-UE, permezz tat-tagħlim tal-lingwi, l-impjieg, l-edukazzjoni, l-inizjattivi kulturali u mhux l-inqas l-integrazzjoni ta' wliedhom.

Approċċ komuni kontinwu tal-UE huwa essenzjali biex jiġi żgurat qsim ibbilanċjat tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri. Wara konsultazzjonijiet mill-qrib mal-Istati Membri taħt il-gwida tal-Presidenza Pollakka tal-Kunsill, u b'kont meħud tal-fehmiet tal-gvern Ukren, huwa għalhekk meħtieġ li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża b'sena addizzjonali, filwaqt li ssir tħejjija biex tiġi offruta perspettiva aktar stabbli u dejjiema lill-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja, inkluż l-appoġġ għar-ritorni sikuri, volontarji u dinjitużi lejn l-Ukrajna.

L-Ukrajna għandha potenzjal ekonomiku sinifikanti u, b'ħarsa 'l quddiem lejn l-irkupru u l-iżvilupp fit-tul tagħha, il-pajjiż se jiddependi dejjem aktar fuq l-appoġġ taċ-ċittadini tiegħu stess biex jixpruna r-rikostruzzjoni u jsawwar il-futur tiegħu. L-Ukrajna teħtieġ lill-poplu tagħha lura, bħala membri vitali tal-komunitajiet tagħhom, li jġibu magħhom is-saħħa, l-esperjenza u r-reżiljenza meħtieġa biex jiġu restawrati l-ħajja ta' kuljum u l-koeżjoni soċjali. Hija meħtieġa rotta futura komuni, waħda li toffri prevedibbiltà, stabbiltà, u tiżgura impatt ibbilanċjat fuq l-Istati Membri. Dan għandu jippermetti biżżejjed żmien għall-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja biex jagħmlu tranżizzjoni lejn status legali ieħor li jirrappreżenta aħjar is-sitwazzjoni attwali tagħhom, pereżempju għal raġunijiet ta' xogħol, studju jew familja, kif ukoll appoġġ għal dawk li jixtiequ jmorru lura l-Ukrajna.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi perkors Ewropew komuni għall-futur tal-Ukreni lil llum huma preżenti fl-UE. Hija akkumpanjata minn proposti għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja, u għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

---

[1] Assistenza tal-UE lill-Ukrajna - Kummissjoni Ewropea

[2] Sanzjonijiet adottati wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna — il-Kummissjoni Ewropea.

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, L 212/12, 7.8.2001.

li tiddeskrivi sensiela ta' miżuri biex titwitta t-triq għal tranżizzjoni bla skossi u kkoordinata tajjeb barra mill-protezzjoni temporanja u għall-appoġġ ta' dawk li jixtiequ jmorru lura darhom fl-Ukrajna.

## 2. PROTEZZJONI TEMPORANJA

L-għadd stmat ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja[4] fl-UE+[5] huwa ta' aktar minn 4,4 miljun[6], u n-nies għadhom qed jaslu.

Fl-ewwel 3 xhur tal-2025, fl-UE+ inħarġu kważi 142 000 deċiżjoni li jagħtu protezzjoni temporanja, b'rata medja fix-xahar ta' madwar 47 000[7] deċiżjoni. Madwar 800 000[8] persuna rritornaw lejn l-Ukrajna mill-Istati Membri, madankollu l-movimenti attwali huma fil-biċċa l-kbira ta' natura pendulari. L-applikazzjonijiet għall-ażil[9] fl-UE mill-Ukreni laħqu kważi 27 000 fl-2024, b'rata ta' rikonoxximent ta' 87 %. L-applikazzjonijiet komplew jiżdiedu fl-ewwel xhur tal-2025, bi kważi 6 000 applikazzjoni Ukrena għall-ażil ippreżentati fl-UE bejn Jannar u Frar 2025[10].

Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tkompli tipprovdi qafas legali sod biex jiġu żgurati l-istess standards armonizzati ta' protezzjoni għal miljuni ta' persuni spostati mill-Ukrajna. Is-sitwazzjoni prekarja u inċerta attwali fl-Ukrajna turi li bħalissa ma jeżistux kundizzjonijiet sikuri u dejjiema f'partijiet kbar tal-Ukrajna għal dawk li jixtiequ jmorru lura. L-UNHCR jivvaluta li l-biċċa l-kbira tal-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja x'aktarx li mhux se jirritornaw volontarjament fuq terminu qasir, primarjament minħabba t-tħassib kontinwu dwar is-sikurezza u s-sigurtà, filwaqt li jindika wkoll tħassib dwar l-istabbiltà ta' kwalunkwe waqfien mill-ġlied potenzjali. Bħala tali, huwa importanti li l-UE żżomm l-impenn tagħha li tipprovdi assistenza lil dawk spostati sakemm ikun meħtieġ, abbażi tal-valuri tagħna ta' solidarjetà, umanità, u rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tippreżenta **proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill biex tkompli testendi l-protezzjoni temporanja** għal sena addizzjonali, sal-4 ta' Marzu 2027.

Peress li l-UE se tkompli toffri protezzjoni temporanja u d-drittijiet korrispondenti, il-persuni spostati mill-Ukrajna għandhom jiġu assigurati li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali la hija meħtieġa, u lanqas mitluba. L-għoti ta' ċarezza u ċertezza legali lin-nies li jgawdu minn protezzjoni temporanja, kif ukoll l-inkoraġġiment tan-nies biex jagħmlu tranżizzjoni lejn statuses legali oħra li jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni attwali tagħhom, se jevita wkoll pressjoni addizzjonali fuq is-sistemi nazzjonali tal-ażil.

Fit-tliet snin mill-attivazzjoni tad-Direttiva, il-ħtieġa li tiġi prevista protezzjoni temporanja, flimkien mal-possibbiltà li titgawda protezzjoni temporanja fl-Istat Membru tal-għażla, kellha impatt mhux uniformi fuq is-sistemi ta' akkoljenza tal-Istati Membri. L-impatt f'xi każijiet kompla jiġi aggravat mill-pressjoni addizzjonali li wieħed ikollu jlaħħaq simultanjament ma' għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-ażil, kif ukoll kwistjonijiet prattiċi bħall-

[4] Eurostat | Data.
[5] L-Istati Membri tal-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera.
[6] F'Marzu 2025, l-Istati Membri bl-akbar numru ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja kienu l-Ġermanja (1 184 890), il-Polonja (997 120), ir-Repubblika Ċeka (365 055), Spanja (233 825), l-Italja (165 225) u r-Rumanija (182 835). Meta jitqiesu biss l-Istati Membri tal-UE, l-għadd ta' benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja jammonta għal kważi 4,3 miljun.
[7] -21% meta mqabbla mal-medja ta' kull xahar irreġistrata fl-ewwel 3 xhur tal-2024, u -24 % meta mqabbla mal-medja ta' kull xahar għall-2024 kollha. Eurostat | Data.
[8] IOM DTM Ukraine — Returns Report — General Population Survey Round 20 (April 2025).
[9] Eurostat | Data.
[10] +86% meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2024; Eurostat | Data.

akkomodazzjoni. Għall-ġejjieni, huwa importanti li titkompla l-ħidma biex jiġi żgurat bilanċ akbar tal-isforz fost l-Istati Membri.

B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw talbiet għal permessi ta' residenza minn individwi li diġà rċevew permess ta' residenza għal protezzjoni temporanja fi Stat Membru ieħor u li diġà qed jibbenefikaw minn drittijiet ta' protezzjoni temporanja fuq dik il-bażi[11]. Dan jista' jgħin biex jiġu evitati reġistrazzjonijiet multipli għal protezzjoni temporanja u jiġi żgurat li d-drittijiet marbuta ma' tali protezzjoni jitgawdew fi Stat Membru wieħed biss kull darba.

## 3. L-OFFERTA TA' PERSPETTIVA U APPOĠĠ DEJJIEMA LILL-UKRENI FL-GĦAŻLIET TAGĦHOM

Aktar minn kwalunkwe ħaġa oħra, l-Ukrajna teħtieġ il-poplu tagħha, biex tirrestawra l-elementi tas-soċjetà u tibni mill-ġdid l-ekonomija u l-infrastruttura tagħha. Fl-istess ħin, ħafna Ukreni spostati qed jibnu ħajjiet ġodda fl-UE. L-Ukrajna qed taħdem b'mod attiv biex toħloq kundizzjonijiet favorevoli għar-ritorn sikur taċ-ċittadini u r-residenti tagħha, bl-appoġġ tal-UE, kemm permezz ta' inċentivi kif ukoll permezz ta' sensibilizzazzjoni mal-Ukreni li jgħixu barra mill-pajjiż. Sadanittant, l-aċċess għall-impjiegi u l-edukazzjoni mogħti mill-Istati Membri jġib benefiċċji mhux biss għal dawk li huma eliġibbli u li jagħżlu li jibqgħu fl-UE iżda wkoll għal dawk li qed jippjanaw li jirritornaw lura d-dar. Biex toffri perspettiva aktar stabbli u dejjiema, il-Kummissjoni hija impenjata li tappoġġa lill-persuni spostati mill-Ukrajna biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-futur tagħhom.

### *3.1 Appoġġ lill-Istati Membri fl-inklużjoni tal-Ukreni spostati fl-UE*

L-impjieg u l-edukazzjoni huma fil-qalba tad-drittijiet li l-persuni spostati mill-Ukrajna qed igawdu fl-UE, flimkien mal-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-assistenza soċjali. L-isforzi biex jiġi pprovdut aċċess għas-suq tax-xogħol u biex jingħata aċċess għall-edukazzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-UE se jġibu benefiċċji fil-futur kemm għal dawk li huma eliġibbli u li jagħżlu li jibqgħu fl-UE, kif ukoll għal dawk li se jmorru lura darhom.

L-aċċess għall-**impjieg** ta kontribut ewlieni biex jgħin lill-persuni spostati mill-Ukrajna jsibu posthom fis-soċjetajiet ospitanti tagħhom, u b'hekk ta kontribut pożittiv lill-komunitajiet lokali. Ix-xogħol biex jiġi evitat li jintilfu l-ħiliet ġie kkombinat ma' għajnuna għall-persuni spostati li kisbu kwalifiki Ewropej biex isibu impjieg adattat fl-Ukrajna. L-inizjattivi u l-finanzjament fil-livell tal-UE qed jappoġġaw l-isforzi tal-Istati Membri għall-integrazzjoni ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-suq tax-xogħol tal-UE[12]. Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi għandhom rwol ewlieni fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol biex jagħmlu l-aħjar użu mill-ħiliet ta' dawk li qed ifittxu impjieg, jiżguraw il-pariġġar fis-suq tax-xogħol u l-iskambju ta' prattiki tajbin u ta' informazzjoni. It-tqabbil stabbilit fl-2023 bejn il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u l-qafas nazzjonali tal-kwalifiki tal-Ukrajna jikkontribwixxi għal integrazzjoni aktar faċli fis-suq tax-xogħol tal-UE. Il-Kummissjoni nediet ukoll Proġett Pilota tar-Riżerva ta' Talent tal-UE[13] bbażat fuq l-internet biex jgħin fil-pariġġar ta' persuni Ukreni spostati li qed ifittxu impjieg ma' postijiet tax-xogħol battala ppubblikati mill-impjegaturi tal-UE. Euraxess, il-pjattaforma tal-UE għall-impjiegi fir-riċerka u l-innovazzjoni, toffri opportunitajiet speċifiċi ta' impjieg għar-riċerkaturi Ukreni taħt l-inizjattiva ERA4Ukraine tagħha, inkluż f'timijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka.

[11] Ara l-Kawża C-753/23, il-punt 30.
[12] Ara Komunikazzjoni dwar Gwida għall-aċċess għas-suq tax-xogħol, għall-edukazzjoni u għat-taħriġ vokazzjonali, u għall-apprendiment għall-adulti fil-każ ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.
[13] Proġett Pilota tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

F'Marzu 2025, 1,3 miljun minorenni spostat[14] mill-Ukrajna kienu qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja, inklużi 840 000 **tifel u tifla** fl-età tal-iskola obbligatorja[15]. Huwa stmat li 700 000 huma rreġistrati fl-iskejjel lokali mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni sekondarja għolja madwar l-UE[16]. Bl-appoġġ tal-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, l-UE tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' gwida politika, tagħlim bejn il-pari, pjattaformi online, finanzjament – b'mod partikolari Erasmus+ – u ġbir ta' data, kif ukoll skambju ta' prattiki tajba. Iż-żamma ta' rabtiet mal-lingwa u l-kultura tal-Ukrajna se tgħin fir-riintegrazzjoni fis-sistema edukattiva tal-Ukrajna. B'mod partikolari, l-aċċess għall-ħajja kulturali jappoġġa wkoll il-benesseri emozzjonali, b'appoġġ minn Ewropa Kreattiva bl-għan li jiffaċilita l-integrazzjoni soċjali u kulturali tal-persuni spostati. L-Arranġament ta' Kooperazzjoni fuq l-Edukazzjoni 2023 bejn il-Kummissjoni u l-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-Ukrajna jinkoraġġixxi speċifikament ir-reġistrazzjoni fl-iskejjel tal-pajjiż ospitanti u r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki akkademiċi. Il-gvern Ukren diġà stabbilixxa miżuri biex jiżgura rikonoxximent faċli tal-edukazzjoni meta wieħed jirritorna lejn l-Ukrajna.

L-UE ilha tappoġġa lill-Istati Membri li jospitaw persuni spostati mill-Ukrajna permezz ta' **finanzjament tal-UE**, b'mod partikolari taħt il-Fondi għall-Affarijiet Interni u l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni rilevanti[17]. Dawn il-possibbiltajiet ta' finanzjament jipprovdu l-flessibbiltà biex jirriflettu kuntesti nazzjonali speċifiċi u ħtiġijiet finanzjarji, inkluż għall-integrazzjoni ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja. Il-politika ta' koeżjoni pprovdiet EUR 13,6 biljun ta' likwidità addizzjonali għall-Istati Membri li jakkomodaw lin-nies mill-Ukrajna, u EUR 1,4 biljun oħra ġew riallokati fi ħdan il-programmi ta' finanzjament eżistenti biex jipprovdu appoġġ dirett lill-persuni spostati mill-Ukrajna. L-UE qed tagħmel disponibbli EUR 3 biljun oħra sa tmiem l-2027, biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u biex tieħu ħsieb il-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja. Madwar EUR 1 biljun mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-Istati Membri se jkunu disponibbli wkoll għall-istess perjodu biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet rilevanti taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), inkluż l-ospitar ta' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja.

### *3.2 Appoġġ għall-ħolqien ta' Ċentri ta' Unità*

Wara l-inizjattiva tal-Ministru tal-Unità Nazzjonali tal-Ukrajna li jistabbilixxi ċentri fl-UE li jistgħu jgħinu biex tinżamm konnessjoni mal-Ukreni li jgħixu barra mill-pajjiż, xi Stati Membri adottaw din l-idea u bħalissa jinsabu fil-proċess li jistabbilixxu Ċentri ta' Unità fit-territorju tagħhom. Iċ-Ċentri ta' Unità jipprovdu informazzjoni, riferimenti u pariri lill-persuni spostati mill-Ukrajna. Minbarra li jiffaċilita r-ritorn ta' dawk li jixtiequ jmorru lura l-Ukrajna, dan jista' jappoġġa wkoll l-integrazzjoni fis-soċjetajiet ospitanti u fis-suq tax-xogħol tal-UE ta' dawk li jixtiequ jibqgħu, bi żvilupp u użu aħjar tal-ħiliet tagħhom.

Biex jgħinu fil-finanzjament taċ-Ċentri ta' Unità, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-programm tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF). Organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-UNHCR, l-IOM u l-ICMPD, jistgħu jappoġġaw ukoll lill-persuni spostati mill-Ukrajna biex jieħdu deċiżjonijiet volontarji infurmati tajjeb dwar jekk jibqgħux fil-pajjiżi ospitanti jew imorrux lura lejn l-Ukrajna, permezz tal-għoti ta' informazzjoni u konsulenza preċiżi u indipendenti. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu mill-għarfien,

---

[14] Eurostat | Data.

[15] L-istima dwar l-għadd ta' tfal fl-età tal-iskola obbligatorja hija bbażata fuq il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2023: Il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2023 - l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE.

[16] The inclusion of displaced children from Ukraine in EU education systems.

[17] L-azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa, l-hekk imsejjaħ pakkett "CARE" (CARE, CARE-plus u Fast-CARE).

il-kapaċitajiet u n-networks offruti minn dawn l-organizzazzjonijiet, kif ukoll mill-appoġġ offrut mill-pajjiżi sħab, biex jagħmlu l-aħjar użu miċ-Ċentri ta' Unità.

Sabiex tappoġġa l-istabbiliment ta' Ċentri ta' Unità, il-Kummissjoni se taħtar Mibgħut Speċjali għall-Ukreni fl-UE, li se jingħata l-kompitu li jikkoordina mar-rappreżentanti nazzjonali fl-Istati Membri, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jistgħu jipprovdu servizzi ta' informazzjoni u konsulenza dwar ir-ritorn – b'mod partikolari l-UNHCR, l-IOM u l-ICMPD –, kif ukoll mal-Ministeru tal-Unità Nazzjonali fl-Ukrajna. Il-Pjattaforma ta' Solidarjetà – l-Ukrajna[18] se sservi wkoll bħala forum ta' koordinazzjoni fil-livell tal-esperti. Il-pjattaforma tlaqqa' l-Kummissjoni, l-Istati Membri, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll l-awtoritajiet Ukreni. Permezz tal-Pjattaforma ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni se tiffaċilita wkoll l-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ, filwaqt li żżomm veduta fuq l-assistenza pprovduta madwar l-Istati Membri, biex tiżgura l-kredibbiltà u l-konsistenza. Se jkollha l-għan li tissimplifika l-isforzi fost id-diversi partijiet ikkonċernati u tqajjem kuxjenza dwar l-importanza li tgħin lill-komunitajiet lokali fl-Ukrajna jkunu lesti għar-ritorni. L-iffukar tal-appoġġ fuq il-komunitajiet lokali se jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali fl-Ukrajna. Il-Kummissjoni se tkompli tiġbor flimkien l-għarfien espert tekniku u ta' politika għall-operazzjonalizzazzjoni effiċjenti taċ-Ċentri ta' Unità, kif ukoll tħeġġeġ miżuri korrispondenti mill-awtoritajiet Ukreni.

Fl-Ukrajna, il-kontroparti għaċ-Ċentri ta' Unità se tkun l-Aġenzija għall-Unità Nazzjonali bħala l-korp ta' implimentazzjoni ewlieni tal-Ministeru għall-Unità Nazzjonali tal-Ukrajna. L-Aġenzija se tappoġġa l-istabbiliment ta' Ċentri ta' Unità fl-UE u tiffaċilita inizjattivi usa' mmirati lejn it-tisħiħ tal-koeżjoni nazzjonali, l-avvanz tar-rabtiet kulturali u ċiviċi mal-komunità Ukrena, kif ukoll l-appoġġ għar-ritorn volontarju u l-isforzi ta' riintegrazzjoni.

Il-Kummissjoni se tipprovdi wkoll appoġġ tekniku ddedikat lill-Ministeru għall-Unità Nazzjonali li għadu kif ġie stabbilit. Dan se jżid il-kapaċità tagħha li tistabbilixxi Ċentri ta' Unità, kif ukoll servizzi fl-Ukrajna għal dawk sejrin lura, u li tikkoordina ma' uffiċċji rilevanti bħas-Servizzi tal-Impjiegi tal-Istat. Sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni ġenerali tal-inizjattivi u jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun disponibbli għall-popolazzjoni li qed tirritorna, il-Ministeru għall-Unità Nazzjonali se jibbenefika wkoll minn appoġġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' prijoritajiet ta' rkupru u riforma importanti għal dawk li jmorru lura, li jikkomplementaw l-appoġġ baġitarju tal-UE u l-assistenza teknika li jgħinu l-irkupru tal-Ukrajna u jimmodernizzaw is-servizzi meħtieġa għar-riintegrazzjoni, bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-impjiegi.

### *3.3 Appoġġ tal-UE għar-riintegrazzjoni fl-Ukrajna*

L-Ukreni huma l-mutur ewlieni għall-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Madankollu, il-possibbiltà li tmur lura tiddependi ħafna fuq l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà fl-Ukrajna, kif ukoll fuq l-aċċess għall-għajxien u l-akkomodazzjoni għal dawk li jirritornaw mill-Ukrajna jew barra minnha.

Filwaqt li s-sikurezza hija essenzjali għan-nies biex imorru lura darhom, iridu jaraw ukoll futur fl-Ukrajna – jeħtieġu post fejn jgħixu, infrastruttura xierqa, inkluża infrastruttura tal-enerġija li tiffunzjona li tiżgura aċċess għal servizzi bażiċi u essenzjali, aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità u opportunitajiet ta' xogħol. Dawn huma għanijiet ċentrali tal-appoġġ tal-UE. Il-koeżjoni soċjali trid titqies ukoll bir-reqqa meta jiġu appoġġati r-ritorni lejn l-Ukrajna, biex jiġi

[18] Il-Pjattaforma ta' Solidarjetà ġiet stabbilita f'Marzu 2022 biex tiżgura l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja. Il-valur miżjud tagħha jinsab fil-koordinazzjoni ġenerali tar-rispons tal-UE għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, billi toffri spazju informali għall-allinjament rapidu tar-reazzjonijiet operazzjonali u ta' politika mill-partijiet ikkonċernati ewlenin.

żgurat li tingħata kunsiderazzjoni ugwali kemm lill-ħtiġijiet tan-nies li baqgħu fl-Ukrajna kif ukoll lill-popolazzjoni li qed tirritorna.

**Suq tax-xogħol Ukren** li jiffunzjona tajjeb se jkun kruċjali biex jiġi attirat – u jinżamm – il-kapital uman, u għalhekk għar-rikostruzzjoni, it-tkabbir u l-iżvilupp soċjali tal-pajjiż. Opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità tajba, b'kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, se jkunu essenzjali biex tiġi restawrata forza tax-xogħol li ntlaqtet ħafna mill-gwerra, u biex tittejjeb il-ħajja fl-Ukrajna. Bl-appoġġ tal-UE, bħala parti mill-proċess ta' adeżjoni mal-UE, l-Ukrajna qed timmodernizza l-leġiżlazzjoni tagħha bl-għan li tallinjaha mal-*acquis* tal-UE. Il-passi ewlenin jinkludu l-ħidma li għaddejja biex jiġi żviluppat Kodiċi tax-Xogħol ġdid, Strateġija dwar l-Impjiegi ġdida, u l-finalizzazzjoni ta' liġi ġdida dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali, it-tnejn li huma bil-potenzjal li jikkontribwixxu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' forza tax-xogħol kwalifikata u l-ispariġġ fil-ħiliet. Il-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fil-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) tal-Fond Soċjali Ewropew Plus[19] se tippermetti lill-entitajiet Ukreni jipparteċipaw f'sejħiet għal proposti għal proġetti ffinanzjati mill-UE. L-Alleanza tal-Ħiliet għall-Ukrajna, immexxija b'mod konġunt mill-Ukrajna u l-Ġermanja[20], tappoġġa wkoll opportunitajiet ta' taħriġ għan-nies mill-Ukrajna.

F'termini ta' **finanzjament**, l-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja s'issa jammonta għal total ta' kważi EUR 148 biljun. Il-**Pjan għall-Ukrajna**[21], parti integrali mill-**Faċilità għall-Ukrajna**[22], jiddeskrivi riformi u investimenti kritiċi biex jitrawmu l-kundizzjonijiet it-tajba biex il-persuni spostati jmorru lura darhom. Dan jipprovdi fluss prevedibbli ta' influssi finanzjarji lejn l-Ukrajna, filwaqt li jixpruna riformi ewlenin matul il-perjodu mill-2024 sal-2027. Ir-riformi u l-investimenti jinkludu enfasi fuq l-għajnuna lin-nies biex imorru lura l-Ukrajna u biex jappoġġaw ir-riintegrazzjoni f'pajjiżhom u fis-suq tax-xogħol tagħhom. Il-Pjan għall-Ukrajna jimpenja lill-Ukrajna biex tinvesti fl-edukazzjoni (EUR 650 miljun sal-2027), fil-kura tas-saħħa (EUR 400 miljun sal-2027) u fl-infrastruttura soċjali (EUR 350 miljun sal-2027). Mill-inqas 20 % tal-appoġġ mhux ripagabbli skont il-Pjan għall-Ukrajna - madwar EUR 1 biljun - huwa allokat għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet sottonazzjonali, b'mod partikolari l-awtonomija lokali.

Il-**Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna**[23] għandu rwol kruċjali fil-preservazzjoni tal-kapital uman u fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet għar-ritorn. L-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-ekonomija tal-kura u l-protezzjoni soċjali huma setturi prijoritarji. Il-proġetti li għaddejjin bħalissa jappoġġaw ir-restawr tal-infrastruttura muniċipali u jgħinu fil-finanzjament tan-negozji affettwati mill-gwerra. Programmi ġodda ta' investiment aċċettati f'Marzu 2025 se jappoġġaw il-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni, u sejħiet futuri se jinkludu aċċess għall-finanzi u l-impjiegi għall-gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni rimpatrijati.

Bħala parti mill-inizjattiva ta' **self għall-Aċċellerazzjoni tad-Dħul Straordinarju tal-G7** (EUR 45 biljun), l-UE qed tipprovdi EUR 18,1 biljun f'assistenza makrofinanzjarja (AMF) lill-

---

[19] Il-Ftehim għall-Ukrajna biex tissieħeb fil-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) qed jiġi nnegozjat.

[20] Il-Kummissjoni tipparteċipa bħala osservatur fil-gruppi ta' ħidma tal-Alleanza tal-Ħiliet. Aktar minn 70 organizzazzjoni madwar id-dinja huma parti minnha.

[21] Il-Pjan għall-Ukrajna huwa l-istrateġija ta' riforma u investiment tal-Ukrajna għall-2024-2027, li twitti t-triq għal pagamenti regolari u trimestrali taħt il-Faċilità għall-Ukrajna dment li l-Ukrajna tissodisfa r-rekwiżiti miftiehma minn qabel. Fost l-oħrajn, dan jinkludi riformi ffukati fuq il-kapital uman, bħall-istrateġija demografika, l-istrateġija tal-impjiegi, it-titjib fl-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, eċċ.

[22] Il-Faċilità għall-Ukrajna hija strument kruċjali fl-istrateġija tal-UE biex tindirizza l-isfidi multidimensjonali li qed tiffaċċja l-Ukrajna wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Dan il-mekkaniżmu ta' appoġġ iddedikat, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2024 u li jkopri s-snin mill-2024 sal-2027, joffri sa EUR 50 biljun f'appoġġ finanzjarju.

[23] Il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna (UIF, Ukraine Investment Framework) huwa parti mill-Faċilità għall-Ukrajna ta' EUR 50 biljun, imfassal biex jattira investimenti pubbliċi u privati għall-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Huwa mogħni bi strumenti finanzjarji li jammontaw għal EUR 9,3 biljun, b'EUR 7,8 biljun f'garanziji ta' self u EUR 1,5 biljun f'finanzjament imħallat. L-għan tiegħu huwa li jimmobilizza EUR 40 biljun ta' investimenti għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni.

Ukrajna bħala appoġġ baġitarju dirett għall-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-pajjiż. Is-self tal-UE u tal-G7 għandu jitħallas lura b'rikavati minn assi immobilizzati tal-Bank Ċentrali Russu miżmuma fl-UE.

Il-proġetti ta' **assistenza teknika** li għaddejjin fl-Ukrajna jistgħu jagħtu prijorità lill-appoġġ għar-riintegrazzjoni ta' persuni li jirritornaw id-dar. L-UE qed tipprovdi appoġġ permezz ta' inizjattivi bħal Skills4Recovery[24], li tappoġġa programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali mfassla apposta, u EU4Business[25], li tinkludi pariri jew bini tal-kapaċità lill-SMEs li jixtiequ jmorru lura[26]. Dawn il-proġetti, kif ukoll proġetti futuri, jistgħu jappoġġaw lill-Ministeru għall-Unità Nazzjonali, u jippermettu lin-nies li sejrin lura l-Ukrajna biex jistabbilixxu negozji, jirċievu servizzi tal-impjiegi mfassla apposta u jipparteċipaw fi programmi ta' Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali.

L-appoġġ tal-UE kkontribwixxa għar-reżiljenza tal-pajjiż u **għen lin-nies ikomplu jgħixu ħajjithom fl-Ukrajna**. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili kien appoġġa l-ħtiġijiet tal-enerġija ta' 6,5 miljun ruħ, u l-Faċilità għall-Ukrajna kkontribwiet għat-tiswija ta' tagħmir meqrud. L-għajnuna umanitarja tal-UE appoġġat lill-popolazzjoni Ukrena fis-setturi tal-kenn, l-ilma, is-sanità u l-iġjene, il-protezzjoni, il-ħtiġijiet bażiċi, is-saħħa, l-azzjoni kontra l-mini u l-edukazzjoni f'emerġenzi, inkluż ir-riabilitazzjoni tal-iskejjel. L-UE u l-Istati Membri taw aktar minn 370 xarabank tal-iskola biex jgħinu lit-tfal imorru l-iskola. Erasmus+ għen fl-istampar ta' aktar minn 1,5 miljun ktieb tal-iskola mill-bidu tal-gwerra, u qed jappoġġa proġetti ta' bini tal-kapaċità fis-setturi tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, biex isaħħaħ l-għoti ta' opportunitajiet ta' kwalità għolja fil-pajjiż. Il-gvern Ukren diġà stabbilixxa miżuri biex jiżgura rikonoxximent faċli tal-edukazzjoni meta wieħed jirritorna lejn l-Ukrajna[27]. Is-salvagwardja u r-restawr tal-kultura u l-wirt Ukreni se jiffaċilitaw ukoll ir-riintegrazzjoni soċjokulturali tan-nies li jmorru lura.

**Ir-rimessi** minn persuni Ukreni spostati li jgħixu fl-UE huma sors ta' introjtu li jista' jappoġġa l-ekonomija Ukrena u jikkontribwixxi għar-rikostruzzjoni tal-pajjiż. Fl-2024, l-influssi ta' rimessi mill-UE ammontaw għal 3,26 % tal-PDG tal-Ukrajna, jew madwar EUR 5,6 biljun, skont data mill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna (NBU). Il-Kummissjoni impenjat ruħha mal-industrija tal-pagamenti biex tippromwovi prattiki li jagħmlu r-rimessi aktar affordabbli u aċċessibbli, bi gwida biex jiġu ffaċilitati l-pagamenti bejn l-UE u t-territorji kollha tal-Ukrajna kkontrollati mill-gvern. Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Ukrajna biex tħejji l-applikazzjoni tagħha biex tingħaqad mal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-iskemi taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA), li għandhom ikomplu jiffaċilitaw it-trasferimenti transfruntiera.

Il-miżuri għall-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-suq uniku tal-UE stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Prijorità għaż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (**DCFTA**), flimkien mar-riformi skont il-Pjan għall-Ukrajna, se jipprovdu l-bażi għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u opportunitajiet ta' impjieg, permezz ta' miżuri bħat-titjib tal-ambjent tan-negozju.

[24] L-Azzjoni Konġunta Skills4Recovery hija ffinanzjata mill-UE, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Estonja. Hija implimentata minn Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit (GIZ) u l-Fond ta' Solidarjetà PL (SFPL). L-azzjoni Skills4Recovery inbdiet mill-Gvern Ġermaniż fl-2023.

[25] EU4Business hija inizjattiva umbrella li tinkludi l-appoġġ kollu tal-UE għan-negozji żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, billi ttejjeb l-aċċess għall-finanzi u s-servizzi tal-iżvilupp tan-negozju.

[26] L-appoġġ huwa mifrux lokalment: il-programm U-LEAD with Europe, b'24 uffiċċju reġjonali, jipprovdi miżuri ta' żvilupp tal-kapaċità li jkopru l-ambitu kollu tar-responsabbiltajiet muniċipali matul il-gwerra ta' aggressjoni u l-irkupru.

[27] Il-leġiżlazzjoni minn Marzu 2025 tagħti mandat għar-rikonoxximent tal-eżiti tat-tagħlim miksuba barra mill-pajjiż, inkluża l-edukazzjoni informali bħal korsijiet u seminars online. L-awtoritajiet Ukreni ħarġu wkoll gwida lill-iskejjel Ukreni dwar il-valutazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment miksuba barra mill-pajjiż, filwaqt li żguraw li l-istudenti li attendew skejjel lokali fl-UE jkunu jistgħu jkomplu l-edukazzjoni tagħhom malli jirritornaw lejn l-Ukrajna.

Abbażi ta' loġika ta' "awtostrada tas-suq uniku", il-konnessjonijiet mal-Ukrajna se jitrawmu wkoll bl-għan li jitnaqqsu l-ostakli għall-kummerċ, tiżdied il-konnettività u tingħata spinta lill-integrazzjoni ekonomika reġjonali.

## 4. INWITTU T-TRIQ GĦAL TRANŻIZZJONI BLA XKIEL U KKOORDINATA MILL-PROTEZZJONI TEMPORANJA

Il-protezzjoni temporanja kienet maħsuba biex tipprovdi sokkors immedjat lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tibqa' xhieda tal-unità tal-Unjoni u tas-solidarjetà mal-poplu tal-Ukrajna.

Madankollu, il-protezzjoni temporanja hija min-natura tagħha temporanja. F'xi mument futur, meta ċ-ċirkostanzi jippermettu ċertezza suffiċjenti dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u b'mod partikolari l-konklużjoni li jeżistu kundizzjonijiet sikuri u dejjiema għar-ritorn, il-qafas ta' protezzjoni temporanja mhux se jibqa' meħtieġ. L-Istati Membri għandhom ikunu lesti għal din il-bidla meta jasal iż-żmien.

Mill-2022, l-UE kkombinat il-qafas legali ta' protezzjoni temporanja ma' azzjoni ddedikata biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-kura għall-persuni spostati li ġejjin mill-Ukrajna u biex tgħin l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetajiet tal-UE. Meta wieħed iqis l-ispostament fit-tul u l-iskala u l-kumplessità tas-sitwazzjoni attwali, wasal iż-żmien li jibda jiġi żviluppat approċċ aktar imfassal apposta, adattat aħjar għas-sitwazzjoni tan-nies li bħalissa qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja, u bl-għan addizzjonali li tittaffa l-pressjoni li s-soċjetajiet ospitanti kienu qed jiffaċċjaw.

Għalhekk, il-Kummissjoni qed tippreżenta **proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill** li tistabbilixxi l-komponenti ewlenin ta' rispons ikkoordinat li jħares 'il quddiem fil-livell tal-UE, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu miżuri tranżizzjonali.

### *4.1 Tranżizzjoni minn protezzjoni temporanja għal statuses oħra ta' residenza legali*

It-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għandha tipprovdi ċertezza legali u prospetti dejjiema lill-benefiċjarji tagħha. Id-definizzjoni ta' perspettiva aktar ċara aktar fit-tul se tevita wkoll pressjoni addizzjonali fuq sistemi nazzjonali tal-ażil li diġà huma taħt pressjoni żejda.

Maż-żmien, il-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja saru parti min-nisġa soċjali u ekonomika tal-Istati Membri. Bħala tali, il-Kummissjoni qed tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jippermettu lill-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja jagħmlu **tranżizzjoni lejn status ta' residenza legali nazzjonali**, speċjalment dawk relatati ma' raġunijiet ta' impjieg, edukazzjoni jew familja. Dan jippermetti lill-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja l-possibbiltà li jgawdu minn status aktar stabbli fl-Istati Membri ospitanti tagħhom li jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni attwali tagħhom.

Abbażi tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, il-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja mhumiex eliġibbli biex japplikaw għal **status ta' residenza definit skont id-Direttivi tal-UE dwar il-migrazzjoni legali**. Bħala appoġġ lill-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja biex jagħmlu għażliet infurmati u biex jingħataw opportunitajiet alternattivi, il-Kummissjoni qed tħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari fejn l-aċċess għal status legali nazzjonali ma jkunx possibbli, biex jippermettu lill-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja u li kieku mhux hekk kienu jikkwalifikaw għal status ieħor ibbażat fuq id-dritt tal-UE biex jagħmlu tranżizzjoni għal statuses oħrajn billi japplikaw għal awtorizzazzjonijiet skont id-Direttiva dwar il-Karta Blu, id-Direttiva dwar il-Permess Uniku u d-Direttiva dwar l-Istudenti u r-

Riċerkaturi[28]. B'dan il-mod, l-Istati Membri jappoġġaw l-integrazzjoni sostenibbli tal-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja fil-pajjiżi ospitanti tagħhom, inkluż is-suq tax-xogħol, u jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-ħiliet tagħhom.

### *4.2 Tħejjija għal ritorn gradwali u riintegrazzjoni sostenibbli fl-Ukrajna*

L-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jkunu lesti li jappoġġaw lin-nies li se jmorru lura lejn l-Ukrajna issa u fil-futur. Il-Kummissjoni qed tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw ritorn u riintegrazzjoni gradwali u ordnata, meta ż-żmien ikun tajjeb u filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-Ukrajna. L-Istati Membri, kif ukoll l-Ukrajna, huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-għodod diġà disponibbli fil-livell tal-UE.

Dawk li qed jikkunsidraw li jmorru lura f'pajjiżhom lejn l-Ukrajna għandu jkollhom l-opportunità li jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Biex jiġi żgurat li kulħadd ikollu opportunitajiet indaqs, l-Istati Membri huma mħeġġa joffru approċċ flessibbli iżda strutturat biex isiru **żjarat esploratorji fl-Ukrajna**. Dawn il-vjaġġi jistgħu jgħinu lin-nies jivverifikaw il-qagħda tal-familji tagħhom, id-djar tagħhom, jew is-sitwazzjoni fil-komunitajiet tagħhom, qabel ma jiddeċiedu li jirritornaw.

Biex tappoġġa lil dawk li jixtiequ jmorru lura darhom, il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll li **l-programmi ta' ritorn volontarju**[29] tal-Istati Membri permessi skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja jitfasslu bir-reqqa. Dawn ikunu modi prattiċi biex in-nies jiġu megħjuna jmorru lura d-dar b'mod sikur u dinjituż. Dawn il-programmi għandhom ikunu ppjanati tajjeb u kkomunikati b'mod ċar. Huma għandhom jikkunsidraw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, il-ħtiġijiet ta' dawk li jirritornaw, u l-impatt fuq il-komunitajiet lokali. Dawn il-programmi għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw il-koeżjoni soċjali u jevitaw li jpoġġu pressjoni fuq il-komunitajiet diġà affettwati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv tat-trattament ta' kull każ individwalment, il-Kummissjoni qed tirrakkomanda li l-Istati Membri jkomplu jagħtu lill-persuni fi programmi ta' ritorn volontarju l-estensjoni tad-drittijiet li kellhom bħala persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja sakemm imorru lura l-Ukrajna, jew sa tmiem il-perjodu previst taħt il-programm għat-tluq volontarju.

L-isforzi tagħna biex nappoġġaw ir-ritorn u r-riintegrazzjoni sikuri tal-persuni spostati mill-Ukrajna jridu jiżguraw li kulħadd jiġi ttrattat b'dinjità u ġustizzja. Is-sitwazzjoni individwali ta' wħud mill-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja u li jgħixu fl-UE tista' tfisser li la jikkwalifikaw għat-tranżizzjoni lejn statuses oħrajn u lanqas għar-ritorn lejn l-Ukrajna, minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom flimkien mal-fatt li l-Ukrajna jista' ma jkollhiex il-kapaċità li taqdi l-ħtiġijiet tagħhom immedjatament wara t-tmiem tal-protezzjoni temporanja – bħal dawk li għaddejjin minn pjan ta' trattament mediku. Għalhekk il-Kummissjoni qed tirrakkomanda li l-Istati Membri jesploraw għażliet għal dawn il-persuni vulnerabbli biex ikomplu jirrisjedu legalment fl-UE għal perjodu tranżitorju sakemm ir-ritorn tagħhom ikun fattibbli.

Bl-istess mod, l-edukazzjoni tat-tfal m'għandhiex tiġi mfixkla. Huwa importanti li jiġi żgurat li t-tfal minorenni li jattendu l-iskejjel jitħallew ilestu l-edukazzjoni tagħhom f'ambjent stabbli, flimkien mal-familji tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mir-regoli tad-Direttiva

[28] Id-Direttiva tal-Kunsill 2021/1883 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin; Id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru; Ir-Direttiva (EU) 2016/801 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (riformulazzjoni).

[29] Dawn ma għandhomx jitqiesu bħala programmi skont id-Direttiva dwar ir-Ritorn, peress li l-persuni kkonċernati jirrisjedu legalment fl-Istat Membru ospitanti sa tmiem il-protezzjoni temporanja u peress li ma hija meħtieġa l-ebda deċiżjoni ta' ritorn.

dwar il-Protezzjoni Temporanja li jippermettu lill-familji li t-tfal minorenni tagħhom ikunu qed jattendu l-iskola jibqgħu fl-UE għall-perjodu ta' żmien meħtieġ, speċjalment jekk il-protezzjoni temporanja tintemm qabel ma tintemm is-sena skolastika.

### *4.3 Tisħiħ tal-għoti ta' informazzjoni, koordinazzjoni, monitoraġġ u skambju ta' data*

Informazzjoni ċara, preċiża u aġġornata se tkun essenzjali. L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu għodod u kanali ta' komunikazzjoni adegwati, inklużi kampanji ta' informazzjoni, filwaqt li jagħmlu użu tajjeb mill-għodod eżistenti biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, u jużaw iċ-Ċentri ta' Unità, fejn stabbiliti, kif ukoll jinvolvu organizzazzjonijiet internazzjonali.

Filwaqt li l-Eurostat iħejji l-istatistika Ewropea uffiċjali dwar il-protezzjoni temporanja, l-iżgurar ta' stampa f'waqtha tas-sitwazzjoni għal finijiet operazzjonali jirrikjedi li l-Istati Membri jaġġornaw regolarment id-data ta' protezzjoni temporanja tagħhom fil-**Pjattaforma għall-Protezzjoni Temporanja**, inklużi ċifri dwar reġistrazzjonijiet inattivi. Peress li t-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja se twassal għal bidliet sinifikanti fl-istatus tal-persuni spostati, huwa essenzjali li jkun hemm stampa preċiża tas-sitwazzjoni li qed tevolvi, u l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet Ukreni huma rakkomandati, inkluż fil-Pjattaforma ta' Solidarjetà.

## 5. KONKLUŻJONI

L-appoġġ sod tal-UE lill-Ukrajna ser ikompli sakemm ikun meħtieġ. L-UE se toffri kenn lill-persuni spostati mill-Ukrajna sakemm ikollhom bżonnu.

Aħna impenjati li ngħaqqdu mill-ġdid lill-Ukrajna mal-poplu tagħha, ladarba jkunu fis-seħħ il-kundizzjonijiet xierqa ta' sigurtà u stabbiltà. Bl-adozzjoni ta' approċċ gradwali, flessibbli u kkoordinat biex nimxu 'l quddiem mill-protezzjoni temporanja, nistgħu niżguraw li l-persuni kollha jiġu ttrattati b'dinjità u rispett, li l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-Ukrajna jitqiesu kif xieraq, u li s-sistemi tagħna ma jkunux soġġetti għal pressjoni sproporzjonata.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, mal-gvern Ukren u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, biex tiżgura li l-ħtiġijiet tal-persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-UE jiġu ssodisfati, u li jkunu mgħammra bir-riżorsi u bl-għodod kollha biex jibnu mill-ġdid ħajjithom u l-futur tagħhom.